



Dokument ta' sessjoni

A9-0303/2023

26.10.2023

*****|**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE biex tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u biex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intraprziżi żgħar u ta' daqs medju u li tħassar id-Direttiva 2001/34/KE
(COM(2022)0760 – C9-0415/2022 – 2022/0405(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Alfred Sant

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
PROċEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	20
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	21

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE biex tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u biex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u li tħassar id-Direttiva 2001/34/KE (COM(2022)0760 – C9-0415/2022 – 2022/0405(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0760),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 50, 51(2) u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skonthom il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0415/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023¹,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0303/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 184, 25.5.2023, p. 103

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

2022/0405 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2014/65/UE biex tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u biex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u li tħassar id-Direttiva 2001/34/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 53(1) u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2019/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li introduċa mitigazzjonijiet proporzjonati biex jittejjeb l-użu tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs u biex jitnaqqsu r-rekiżi regolatorji eċċessivi għall-emittenti li jfittxu ammissjoni ta' titoli fis-swieq tat-tkabbir tal-SMEs, filwaqt li jinżamm livell xieraq ta' protezzjoni tal-investituri u ta' integrità tas-suq. Madankollu, biex jiġi ssimplifikat il-proċess tal-

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu █.

² ĠU C , , p. .

³ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li jemenda d-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 596/2014 u (UE) 2017/1129 fir-rigward tal-promozzjoni tal-użu ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs (ĠU L 320, 11.12.2019, p. 1).

elenkar u biex it-trattament regolatorju tal-kumpaniji jsir aktar flessibbli u proporzjonat għad-daqs tagħhom, huma meħtieġa emendi ulterjuri għad-Direttiva 2014/65/UE.

- (2) Id-Direttiva 2014/65 UE u d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593⁵ jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom il-provvediment ta' riċerka dwar l-investiment minn partijiet terzi lil ditti tal-investiment li jipprovdu mmaniġġar tal-portafoll jew servizzi oħra ta' investiment jew anċillari ma għandux jitqies bħala incitativ. Sabiex titrawwem aktar riċerka dwar l-investiment fuq il-kumpaniji fl-Unjoni, b'mod partikolari l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja, u biex dawk il-kumpaniji jingħataw viżibbiltà akbar u aktar ċans li jattiraw investituri potenzjali, huwa meħtieġ li jiġu introdotti, emendi għal dik id-Direttiva.
- (3) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-riċerka stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE jirrik jedu li dditti tal-investiment jisseparaw il-pagamenti li jirċievu bħala kummissjoni ta' senserija mill-kumpens perċepit għall-provvediment ta' riċerka dwar l-investiment (“regoli dwar is-separazzjoni tar-riċerka”), jew li jħallsu għar-riċerka dwar l-investiment mir-riżorsi proprji tagħhom u jivvalutaw il-kwalità tar-riċerka li jixtru abbażi ta' kriterji ta' kwalità robusti u l-kapaċità ta' tali riċerka li tikkontribwixxi għal deċiżjonijiet aħjar ta' investiment. Fl-2021, dawk ir-regoli ġew emendati bid-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ biex jippermettu pagamenti raggruppati għal servizzi ta' eżekuzzjoni u riċerka għal kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja taħt kapitalizzazzjoni tas-suq ta' EUR 1 biljun. Madankollu, it-tnaqqis fir-riċerka dwar l-investiment ma naqasx.
- (4) *Meta mqabbla ma' ditti akbar, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għadhom ikkaratterizzati minn ammont aktar baxx ta' riċerka tal-analisti, probabbiltà ogħla li jitilfu l-kopertura, kwalità aktar baxxa tar-riċerka u likwidità limitata tas-suq sekondarju.* Sabiex tingħata ħajja ġidida lis-suq għar-riċerka dwar l-investiment u biex tiġi żgurata kopertura suffiċjenti tar-riċerka tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja, **Ir-regoli ta' separazzjoni jenħtieġ li jiġu aġġustati aktar. Id-ditti tal-investiment jenħtieġ li jkollhom aktar flessibbiltà biex jagħżlu l-mod li bih jixtiequ jorganizzaw il-pagamenti għas-servizzi ta' eżekuzzjoni u ta' riċerka. Madankollu, dan ikun jeħtieġ li jinżamm livell ta' trasparenza fil-konfront tal-klijenti fir-rigward tal-ġhażla ta' pagament magħmula mid-ditti tal-investiment. Jenħtieġ li d-ditti tal-investiment jinfurmaw lill-klijenti tagħhom jekk jaapplikawx pagament separat jew konġunt għas-servizzi ta' eżekuzzjoni u l-provvediment ta' riċerka minn parti terza. Jenħtieġ li d-ditti tal-investiment jiżguraw li l-klijenti jirċievu informazzjoni permezz tar-reġistrazzjoni tat-tariffi attribwibbli għas-servizzi ta' riċerka u eżekuzzjoni u wkoll permezz tal-provvediment ta' rapport annwali dwar dawk il-pagamenti lill-klijenti.**

⁵ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593 tas-7 ta' April 2016 li tissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-salvagwardja tal-strumenti finanzjarji u l-fondi tal-klijenti, l-obbligi ta' governanza tal-prodotti u r-regoli applikabbli għall-provvediment jew ir-riċeviment ta' tariffi, kummissjoni jiet jew kwalunkwe benefiċċju monetarju jew mhux monetarju (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 500).

⁶ Id-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni, governanza tal-prodotti u limiti ta' pożizzjoni, u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/878 fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għad-ditti tal-investiment, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 14).

- (4a) *L-aġġustament tar-regoli ta' separazzjoni waħdu mhux se jkun bizznejjad biex terġa' tingħata l-ħajja lis-suq tal-investiment fir-riċerka u jiġi indirizzat in-nuqqas li ilu jeżisti ta' kopertura tar-riċerka ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja. Jenħtieġ li l-miżuri introdotti f'din id-Direttiva ma jiminawx il-progress li sar f'termini ta' trasparenza tal-prezzijiet, tnaqqis tal-kunflitti ta' interess u objettivi regolatorji oħra tal-MiFID II. Jenħtieġ li jiġu introdotti aktar miżuri biex jittejbu l-kopertura tal-SMEs u l-promozzjoni tar-riċerka indipendenti fis-suq.*
- (5) Barra minn hekk, biex tīgi appoġġata ulterjorment il-kopertura ta' kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja mir-riċerka dwar l-investiment, il-materjal ta' riċerka mħallas kompletament jew parzialment mill-emittenti jenħtieġ li jiġi kklassifikat bħala "riċerka ffinanzjata mill-emittent". Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' oggettivitā u ta' indipendenza ta' tali materjal ta' riċerka, tali materjal jenħtieġ li jiġi prodott f'konformità ma' kodiċi ta' kondotta żviluppat jew approvat **mill-ESMA permezz ta' standards tekniċi regolatorji**. *Għal dan l-għan, id-ditti tal-investiment jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ proċeduri ta' governanza u organizazzjoni biex jiżguraw li r-riċerka ffinanzjata mill-emittent li jipproduċu, jużaw jew iqassmu tīgi prodotta f'konformità dak il-kodiċi ta' kondotta u mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-ditti tal-investiment jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti.* Sabiex tīgi appoġġata aktar viżibbiltà tar-riċerka ffinanzjata mill-emittent, jenħtieġ li l-emittenti jissottomettu r-riċerka tagħhom iż-żiż-żgħad mill-emittent lill-korp ta' ġbir rilevanti kif iddefinit fl-[Artikolu 2(2) / tar-Regolament (EU) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill].
- (6) Id-Direttiva 2014/65/UE introduċiet il-kategorija tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs biex iżżejjid il-viżibbiltà u l-profil tas-swieq speċjalizzati fl-SMEs u trawwem l-iżvilupp ta' standards regolatorji komuni fl-Unjoni ta' swieq speċjalizzati fl-SMEs. Is-swieq tat-tkabbir tal-SMEs għandhom funzjoni ewlenija fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-kapital għal dawk l-emittenti iżgħar billi jaqdu l-ħtiġiġiet tagħhom. Biex jitrawwem l-iżvilupp ta' tali swieq speċjalizzati u biex jiġi limitat il-piż organizzazzjonali għall-operaturi ta' faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTFs), huwa meħtieġ li s-segment ta' MTF jitħalla japplika biex isir suq tat-tkabbir tal-SMEs dment li tali segment ikun separat b'mod ċar mill-bqija tal-MTF.
- (6a) *Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li strument finanzjarju ta' emittent li jkun ammess għan-negozjar f'suq tat-tkabbir tal-SMEs ikun jista' jiġi nnegożjat ukoll f'ċentru tan-negozjar ieħor biss jekk l-emittenti ikun għie infurmat u ma jkunx ogħżejjiet. L-ışhma fl-SMEs ħafna drabi huma illikwidi min-natura tagħhom peress li għandhom kapitalizzazzjoni tas-suq iżgħar u volum ta' negozjar aktar baxx. Għalhekk, jenħtieġ li l-emittenti jkunu jistgħu jogħżejjiet jaqgħid li jiġi nnegożjati f'ċentru tan-negozjar ieħor, peress li dan jista' jnaqqas ir-riskji ta' frammentazzjoni tal-likwidità.*

⁷ *Ir-Regolament (UE)/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L ... ELI:....)*

- (7) Id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ tistabbilixxi regoli dwar l-elenkar fis-swieq tal-Unjoni. Dik id-Direttiva għandha l-għan li tikkoordina r-regoli dwar l-ammissjoni ta' titoli għall-elenkar uffiċċali f'borża u dwar l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata fuq dawk il-titoli biex tiġi pprovduta protezzjoni ekwivalenti għall-investituri fil-livell tal-Unjoni. Dik id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli tal-qafas regolatorju u superviżorju għas-swieq primarji tal-Unjoni. Matul is-snin, id-Direttiva 2001/34/KE ġiet emendata b'mod sinifikanti diversi drabi. Id-Direttivi 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ issostitwew il-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet li jarmonizzaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' informazzjoni dwar talbiet għall-ammissjoni ta' titoli għall-elenkar uffiċċali f'borża u l-informazzjoni dwar it-titoli ammessi għan-negozjar, u għamlu partijiet kbar mid-Direttiva 2001/34/KE żejda. Id-Direttiva 2001/34/KE bħala Direttiva ta' armonizzazzjoni minima tagħti l-Istat Membri diskrezzjoni pjuttost wiesgħa biex jiddevjaw mir-regoli stabbiliti f'dik id-Direttiva, li wassal għal frammentazzjoni tas-suq fl-Unjoni. Biex tiġi xprunata l-armonizzazzjoni tas-suq fil-livell tal-Unjoni u tinħoloq ġabru unika ta' regoli, id-Direttiva 2001/34/KE jenħtieġ li titħassar.
- (8) Id-Direttiva 2014/65/UE, bħad-Direttiva 2001/34/KE, tipprevedi r-regolamentazzjoni tas-swieq tal-istrumenti finanzjarji u ssaħħħah il-protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni. Id-Direttiva 2014/65/UE tistabbilixxi wkoll regoli dwar l-ammissjoni ta' strumenti finanzjarji għan-negozjar. Billi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE jiġi estiż biex ikopri dispożizzjonijiet spċifici mid-Direttiva 2001/34/KE dan se jiżgura li jinżammu d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha mid-Direttiva 2001/34/KE. Għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/34/KE, inklużi r-rekwiżiti dwar il-volum varjabbli u l-kapitalizzazzjoni tas-suq li għadhom japplikaw, huma infurzati mill-awtoritajiet kompetenti u huma meqjusa bħala regoli importanti għat-tfittxija tal-ammissjoni għan-negozjar ta' ishma fi swieq regolati fl-Unjoni mill-parteċipanti fis-suq. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk ir-regoli jiġu ttrasferiti fid-Direttiva 2014/65/UE biex, f'dispożizzjoni ġdida ta' dik id-Direttiva, jiġu stabbiliti kundizzjonijiet minimi spċifici għall-ammissjoni għan-negozjar ta' ishma fi swieq regolati. L-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni l-ġdida jenħtieġ li tikkomplementa d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-ammissjoni ta' strument finanzjarju għan-negozjar stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE.
- (9) Sabiex ikun hemm lok għal aktar flessibbiltà għall-emittenti u biex is-swieq kapitali tal-Unjoni jsiru aktar kompetitivi, ir-rekwiżit minimu ta' volum varjabbli jenħtieġ li jitnaqqas għal 10 %, li huwa limitu li jiżgura livell suffiċċenti ta' likwidità fis-suq. Ir-rekwiżit ta' volum varjabbli stabbilit fid-Direttiva 2001/34/KE li għandu jitqassam numru suffiċċenti ta' ishma lill-pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jirreferi għall-pubbliku fl-Unjoni u ż-Żona Ekonomika Ewropea (UE/ŻEE). Jenħtieġ li dik ir-

⁸ Id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 fuq l-ammissjoni ta' titoli għal-listi ta' stock exchange uffiċċali u fuq informazzjoni li għandha tkun ippubblikata fuq dawk it-titoli (ĠU L 184, 6.7.2001, p. 1).

⁹ Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

¹⁰ Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

restrizzjoni ġeografika tar-rekwiżit ta' volum varjablli għall-UE/ŻEE ma tinżammx peress li d-Direttiva 2014/65/UE ma tipprevedix tali restrizzjoni għall-strumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar. Ir-rekwiżit li kumpanija għandha tippubblika jew tippreżenta l-kontijiet annwali tagħha għal perjodu ta' żmien spċifiku jenħtieġ li ma jiġix ttrasferit fid-Direttiva 2014/65/UE peress li r-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ digħi fih dispożizzjoni għal dak il-ġħan. Id-Direttiva 2014/65/UE digħi tistabbilixxi dispożizzjonijiet biex jiġu nnominati l-awtoritajiet kompetenti. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2001/34/KE għall-ħatra ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar huma żejda. Ir-rekwiżit għal titoli ta' dejn li l-ammont tas-self ma għandux ikun inqas minn EUR 200 000 jitqies bħala skadut fid-dawl tal-prattika attwali tas-suq.

- (10) Il-kunċett ta' ammissjoni ta' titoli għall-elenkar uffiċjali f'borża, previst fid-Direttiva 2001/34/KE ma għadux jintuża b'mod frekwenti minħabba l-iżviluppi tas-suq, peress li d-Direttiva 2014/65/UE digħi tipprevedi l-kunċett ta' "ammissjoni tal-strumenti finanzjarji għan-negozjar f'suq regolat". Ħafna drabi, iż-żewġ kunċetti "ammissjoni għall-elenkar uffiċjali" u "ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat" jintużaw b'mod alternanti f'xi Stati Membri. Dan ifisser li, f'xi Stati Membri, ma ssir l-ebda distinzjoni bejn iż-żewġ kunċetti. Barra minn hekk, ir-reġim doppju ta' ammissjoni għan-negozjar, minn naħħa waħda, u l-ammissjoni għall-elenkar uffiċjali, min-naħħa l-oħra, jistgħu jwasslu għal inċertezza legali fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari, minħabba l-fatt li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/71/KE, fid-Direttiva 2004/109/KE u fid-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² ma japplikawx għal strumenti ammessi għall-elenkar uffiċjali, filwaqt li dawk ir-rekwiżiti japplikaw għal strumenti ammessi għan-negozjar f'suq regolat.
- (11) Biex tissahħħah il-viżibbiltà tal-kumpaniji elenkti, b'mod partikolari l-SMEs u biex jiġu adattati l-kundizzjonijiet tal-elenkar sabiex jittejbu r-rekwiżiti għall-emittenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi ddelegata bis-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-Direttiva emendantorja 2014/65/UE. Il-livell limitu tal-kapitalizzazzjoni tas-suq għall-kumpaniji, li għalihom ikun possibbli r-raggruppament mill-ġdid tat-tariffi tal-eżekuzzjoni u tar-riċerka, *jenħtieġ li jitneħħha filwaqt li jiġu introdotti salvagwardji biex jiżguraw il-protezzjoni tal-investituri u jinżamm livell ta' trasparenza fir-rigward tal-kostijiet assoċjati mar-riċerka*. L-adattament tar-regoli dwar l-elenkar fl-Unjoni jenħtieġ li jirrifletti wkoll il-prattika tas-suq biex ikun effettiv u jippromwovi l-kompetizzjoni. B'mod partikolari huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligjiet¹³. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugħali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

¹² Id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 179).

¹³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

l-experti tal-Istati Membri, u l-experti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-experti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

- (12) Għaldaqstant, id-Direttiva 2014/65/KE jenħtieġ li tiġi emadata kif xieraq.
- (13) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni żgħira u medja għas-swieq kapitali, u li tiżdied il-koerenza tar-regoli tal-elenkar tal-Unjoni ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda minnflok, minħabba t-titjib u l-effetti mfittxja, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emenda għad-Direttiva 2014/65/UE

Id-Direttiva 2014/65/UE hija emadata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 4(1), il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:
“(12) “suq tat-tkabbir tal-SMEs’ tfisser MTF, jew segment ta’ MTF, li huwa rreġistrat bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs f'konformità mal-Artikolu 33;”;
- (2) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:
(a) jiddaħħlu l-paragrafi █ li ġejjin:
“3a. ir-riċerka *użata jew imqassma lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali* minn█ ditti tal-investiment li jipprovd u mmaniġġar tal-portafoll jew servizzi oħra ta’ investiment jew anċillari *li tkun ġiet prodotta minn dawn id-ditti, jew prodotta minn partijiet terzi u pprovduta lil dawn id-ditti,* għandha tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa. Ir-riċerka għandha tkun identifikabbli b'mod ċar bħala tali jew f'termini simili, dment li jiġi ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha applikabbli għar-riċerka.
3b. Meta r-riċerka titħallas, kompletament jew parżjalment, mill-emittent u titqassam lill-pubbliku jew lil ditti tal-investiment jew lill-klijenti ta’ ditti tal-investiment li jipprovd u mmaniġġar tal-portafoll jew servizzi oħra ta’ investiment jew anċillari, tali riċerka għandha tiġi kklassifikata bħala “riċerka ffinanzjata mill-emittent” dment li tiġi prodotta f'konformità mal-kodiċi ta’ kondotta *tal-Unjoni għar-riċerka ffinanzjata mill-emittent* żviluppat█ *mill-ESMA f'konformità mat-tieni subparagrafu.*

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji biex tistabbilixxi kodiċi ta’ kondotta armonizzat tal-Unjoni għar-riċerka ffinanzjata mill-emittent. Il-kodiċi ta’ kondotta għandu jistabbilixxi standards minimi ta’ indipendenza u oggettivitā li għandhom jiġu rrispettati mill-fornituri ta’ tali riċerka, **u jispeċifika l-proċeduri għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta’ kunflitti ta’ interess.**

Għall-fini tal-iżvilupp ta’ dawk l-istandardi tekniċi regolatorji, l-ESMA għandha tqis il-kodiċijiet ta’ kondotta rilevanti li ġew stabbiliti fil-livell

nazzjonali. L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandardi tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

Il-kodiċi ta' kondotta għall-Unjoni kollha għal riċerka ffinanzjata mill-emittent għandu jkun disponibbli għall-publiku fuq is-sit web tal-ESMA.

- 3c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe emittent jiġi jissottometti r-riċerka tiegħi għandu ffinanzjata mill-emittent, kif imsemmi fil-paragrafu 3b ta' dan l-Artikolu, lill-korp ta' ġbir rilevanti kif iddefinit fl-[Artikolu 2(2)] tar-Regolament (EU) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

Meta jissottometti tali informazzjoni lill-korp ta' ġbir, l-emittent għandu jiżgura li din tkun akkumpanjata minn metadata li tispeċifika li l-informazzjoni tikkonforma mal-kodiċi ta' kondotta tal-Unjoni għar-riċerka ffinanzjata mill-emittent iżda li ma għandhiex titqies bħala informazzjoni regolata skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/109/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u lanqas riċerka dwar l-investiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/65/UE u għalhekk mhijiex soġġetta għall-istess livell ta' skrutinju regolatorju bħal tali informazzjoni regolata jew riċerka dwar l-investiment.

- 3d. Ir-riċerka li tkun ikklassifikata bħala riċerka ffinanzjata mill-emittent għandha tindika fuq il-paġna ta' quddiem tagħha b'mod ċar u prominenti li tkun tħejjiet f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta **tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 3b.** Kwalunkwe materjal ta' riċerka ieħor imħallas kompletament jew parżjalment mill-emittent iżda mhux *imħejji* f'konformità ma' kodiċi ta' kondotta **tal-Unjoni** kif imsemmi fil-paragrafu 3b għandu jiġi kklassifikat bħala komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi meħtieġa biex jinfurzaw il-konformità tad-ditti tal-investiment li jipproduċu jew jużaw riċerka ffinanzjata mill-emittent mal-kodiċi ta' kondotta **tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 3b.**;*

- (b) Il-paragrafu 9a *huwa emendat kif ġej:*

- (i) *l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“9a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-provvediment ta' riċerka minn partijiet terzi lid-ditti tal-investiment li jipprovd servizzi ta' mmaniġġar tal-portafoll jew servizzi oħra ta' investiment jew anċillari lill-klijenti għandu jitqies bħala li jissodisfa l-obbligi skont il-paragrafu 1 jekk:

(a) ikun sar ftehim bejn id-ditta tal-investiment u l-fornitur tar-riċerka, li jidentifika l-parti ta' kwalunkwe tariffa kkombinata jew pagament konġunt għas-servizzi ta' eżekuzzjoni u ta' riċerka li hija attribwibbli għar-riċerka;

- (b) *id-ditta tal-investiment tinforma lill-klijenti tagħha dwar il-pagamenti separati jew konġunti, kif xieraq, għas-servizzi ta' eżekuzzjoni u r-riċerka li tkun saret lill-fornituri terzi tar-riċerka; u tal-konsegwenzi tal-ġażla bejn pagamenti separati jew konġunti għall-klijenti; u*
- (c) *id-ditta tal-investiment tivvaluta regolarment il-kwalità u l-prezz tar-riċerka użata bbażata fuq kriterji ta' kwalità robusti u l-abilità tagħha li tikkontribwixxi għal deċiżjonijiet aħjar ta' investiment. L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida għad-ditti tal-investiment bl-ġhan li jwettqu dawn il-valutazzjonijiet.*

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-provvediment ta’ riċerka minn partijiet terzi lil ditti tal-investiment li jipprovd u mmaniġġar ta’ portafolji jew servizzi oħra ta’ investiment jew anċillari lill-klijenti għandu jītqies bħala li jissodisfa l-obbligli skont il-paragrafu 1 jekk ir-riċerka tkun ipprovduta minn fornitur indipendenti tar-riċerka li ma jkunx involut f’servizzi ta’ eżekuzzjoni u ma jkunx parti minn grupp ta’ servizzi finanzjarji li jinkludi ditta tal-investiment li toffri servizzi ta’ eżekuzzjoni jew ta’ senserija.

Id-ditti tal-investiment għandhom iżommu rekord ta’ pagamenti separati u jiġbru informazzjoni li tiddistingwi l-parti tat-tariffi kkombinati jew tal-pagamenti konġunti għas-servizzi ta’ eżekuzzjoni u ta’ riċerka li hija attribwibbli għar-riċerka pprovduta lil ditti bħal dawn. Id-ditti tal-investiment għandhom jinfurmaw lill-klijenti tagħhom kull sena, f’forma aggregata, dwar in-nefqa annwali fuq ir-riċerka li tkun attribwibbli lill-klijenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri terzi tar-riċerka ma jkunux meħtieġa jiffaċilitaw il-pagament konġunt għal servizzi ta’ eżekuzzjoni u riċerka minn ditti tal-investiment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li d-ditti tal-investiment li jixtru r-riċerka minn fornituri terzi tar-riċerka għandhom dejjem ikunu kapaċi jħallsu separatament għas-servizzi ta’ eżekuzzjoni u għar-riċerka li jirċievu.

Sa ... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendantorja], l-ESMA għandha thejjji rapport b’valutazzjoni komprensiva tal-iżviluppi tas-suq rigward ir-riċerka skont it-tifsira ta’ dan l-Artikolu. Dik il-valutazzjoni għandha tinkorpora mill-inqas il-kopertura tar-riċerka tad-ditti elenkti, il-kostijiet u l-kwalità ta’ dik ir-riċerka, l-impatt tal-pagamenti konġunti fuq l-aħjar eżekuzzjoni mid-ditti tal-investiment, is-sehem ta’ pagamenti separati u konġunti magħmula minn ditti tal-investiment lil fornituri terzi għal servizzi ta’ eżekuzzjoni u riċerka, u l-livell ta’ twettiq tad-domanda għar-riċerka mill-investituri u minn xerrejja oħra.

Abbażi ta’ dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista’, jekk ikun xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva dwar bidliet fir-regoli stabbiliti f’din id-Direttiva fir-rigward tar-riċerka.

- (c) *jiddah hal il-paragrafu li ġej:*

9b. L-ESMA għandha torganizza proċedura għall-istabbiliment ta' suq tar-riċerka volontarju fl-Unjoni kollha li jiffoka fuq ir-riċerka f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u Offerti Pubbliċi Inizjali (IPOS). Is-suq tar-riċerka għandu jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet fissi mid-ditti parteċipanti. Ir-riċerka għandha tīġi kkummissjonata minn fornituri indipendenti tar-riċerka.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment ta' suq tar-riċerka volontarju fl-Unjoni kollha dwar ir-riċerka tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inklużi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

- (a) *il-kundizzjonijiet biex wieħed jissieħeb fis-suq tar-riċerka;*
- (b) *il-prinċipji ta' governanza;*
- (c) *l-arrangġamenti ta' finanzjament;*
- (d) *il-kopertura tar-riċerka tas-suq tar-riċerka.*

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja].

Il-Kummissjoni tingħata s-setħha li tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istands tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

* *Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).*

** *Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew li jiprovd iċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L ... ELI:....).*

*** *Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).";*

(2a) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-ditti tal-investiment jieħdu l-passi suffiċjenti kollha sabiex, meta jwettqu l-ordnijiet, jiksbu l-aħjar riżultat possibbli għall-klijenti tagħhom, filwaqt li jqis u l-prezz, il-

kostijiet, il-ħeffa, il-probabbiltà tat-twettiq u tas-saldu, id-daqs, in-natura, il-forniment tar-riċerka ta' investiment, jew kull kunsiderazzjoni oħra li tkun rilevanti għat-twettiq tal-ordni. Madankollu, meta jkun hemm struzzjoni spċificika mill-klijent, id-ditta tal-investiment għandha teżegwixxi l-ordni skont l-istruzzjoni spċificika.”;

(ab) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida dwar kif id-ditti tal-investiment li jipprovdu mmaniġġar tal-portafoll jew servizzi oħra ta' investiment jew anċillari lill-klijenti jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tal-aħjar eżekuzzjoni tagħhom meta d-ditta tal-investiment tuża pagamenti konġunti għal servizzi ta' eżekuzzjoni u riċerka kif permess skont l-Artikolu 24 (9a).”;

(3) L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

‘1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-operatur ta' MTF jista' japplika mal-awtorità kompetenti tal-post sabiex l-MTF jew segment tagħha tīgħi r-reġistrata bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtorità kompetenti tad-domiċilju tista' tirreġistra l-MTF, jew segment tagħha, bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs jekk l-awtorità kompetenti tirċievi applikazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 u tkun issodisfata li r-rekwiżiti fil-paragrafu 3 jkunu mħarsa fir-rigward tal-MTF, jew li r-rekwiżiti fil-paragrafu 3a jkunu mħarsa fir-rigward ta' segment tal-MTF.”;

(b) **jiddaħħal** il-paragrafu █ li ġej:

“3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-segment rilevanti tal-MTF ikun soġġett għal regoli, sistemi u proċeduri effettivi li jiżguraw li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-segment tal-MTF irreġistrat bħala “suq tat-tkabbir tal-SMEs” ikun separat b'mod ċar mis-segmenti tas-suq l-oħra mħaddma mill-operatur tal-MTF, li jkun fost l-oħra jn indikat b'isem differenti, b'ġabra ta' regoli differenti, bi strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni differenti, u b'pubbliċità differenti, kif ukoll b'allokazzjoni spċificika tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tas-suq għas-segment tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs;

(b) it-tranżazzjonijiet magħmul fis-segment spċificu tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs ikunu distinti b'mod ċar minn attivit oħra tas-suq fis-segmenti l-oħra tal-MTF;

(c) fuq talba tal-awtorità kompetenti tad-domiċilju, l-MTF għandha tipprovdi lista komprensiva tal-istumenti elenkti fis-segment tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs ikkonċernat, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni dwar it-tħaddim tas-segment tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs li l-awtorità kompetenti tista' titlob.”;

(c) il-paragrafi 4 sa 8 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“4. Il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 3 u 3a huma mingħajr preġudizzju għall-konformità mid-ditta ta' investiment jew mill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF, jew segment tagħha, ma' obbligi oħra skont din id-Direttiva, rilevanti għat-tħaddim tal-MTFs. **Dawk il-kriterji ma jipprevjenux ukoll lid-ditta tal-investiment jew lill-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF milli jipponu rekwiżiti addizzjonali għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 3 u 3a.**

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtorità kompetenti tad-domiċilju tista' tiddereġistra l-MTF, jew segment tagħha, bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs fi kwalunkwe każ minn dawn li ġejjin:

- id-ditta ta' investiment jew l-operatur tas-suq li jħaddem l-MTF, jew segment tagħha, jaapplika għad-dereġistrazzjoni tagħha;
- ma jkunx hemm aktar konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafu 3 jew 3a b'rabta mal-MTF, jew segment tagħha.

6. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li jekk awtorità kompetenti tad-domiċilju tirreġistra jew tiddereġistra MTF, jew segment tagħha, bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs skont dan l-Artikolu, dik l-awtorità għandha tinforma mill-aktar fis possibbli lill-ESMA b'dik ir-reġistrazzjoni jew dereġistrazzjoni. L-ESMA għandha tippubbli fuq is-sit web tagħha lista tas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs u għandha żżomm dik il-lista aġġornata.”;



7. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li strument finanzjarju ta' emittent li jkun ammess għan-negozjar f'suq tat-tkabbir tal-SMEs jista' jiġi nnegozjat ukoll f'ċentru tan-negozjar ieħor biss jekk l-emittent ikun għie infurmat u ma jkunx ogħżejjona.

L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida dwar il-metodi ta' komunikazzjoni użati u l-iskedi ta' żmien rilevanti.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 89 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tkompli tispeċifika r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 3a ta' dan l-Artikolu. Dawk ir-rekwiżiti għandhom iqisu l-ħtieġa li jinżammu livelli għoljin ta' protezzjoni tal-investituri biex tīgi promossa l-fiduċja tal-investituri f'dawk is-swieq filwaqt li jiġu mminimizzati l-piżżejjiet amministrattivi għall-emittenti fis-suq. Għandhom iqisu wkoll li d-deregistrazzjonijiet ma jseħħux u lanqas ma għandhom jiġi rrifutati r-reġistrazzjonijiet sempliċiment minħabba nuqqas temporanju ta' konformità mar-rekwiżit stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu.”;

(4) jiddaħħal **I-Artikolu** li ġej:

“*Artikolu 51a*

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-ammissjoni ta' ishma għan-negozjar

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kapitalizzazzjoni tas-suq prevedibbli tal-ishma li għalihom tintalab l-ammissjoni għan-negozjar, jew jekk dan ma jkunx jista' jiġi vvalutat, il-kapital u r-riżervi tal-kumpanija, inkluż il-profitt u t-telf, mill-

aħħar sena finanzjarja, għandhom ikunu mill-inqas EUR 1 000 000 jew ammont ekwivalenti f'munita nazzjonali għajr l-Euro.

2. Madankollu, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-ammissjoni għan-negozjar ta' ishma funġibbli ma' ishma digħà ammessi għan-negozjar.

3. Meta, bħala riżultat ta' aġġustament tal-ammont ekwivalenti tal-Euro fil-munita nazzjonali, il-kapitalizzazzjoni tas-suq espressa fil-munita nazzjonali tibqa' għal perjodu ta' sena mill-inqas 10 % bejn wieħed u ieħor il-valur ta' EUR 1 000 000, l-Istat Membru għandu, sa 12-il xahar wara li jiskadi dak il-perjodu, jaġġusta l-liggijet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tiegħu biex jikkonforma mal-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom ***jīżguraw*** li s-swieq regolati ***jirrikjedu*** li mill-inqas 10 % tal-kapital sottoskrift irrappreżentat mill-klassi ta' ishma kkonċernata mill-applikazzjoni għall-ammissjoni għan-negozjar ikun miżum mill-pubbliku ***fil-mument tal-ammissjoni***.

5. Meta l-perċentwal ta' ishma miżmuma mill-pubbliku jkun inqas minn 10 % tal-kapital sottoskrift, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-swieq regolati jirrikjedu li numru suffiċjenti ta' ishma jitqassmu lill-pubbliku sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 4.

6. Meta tintalab ammissjoni għan-negozjar għal ishma funġibbli ma' ishma digħà ammessi għan-negozjar, is-swieq regolati għandhom jivvalutaw, biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 4, jekk ikunx tqassam numru suffiċjenti ta' ishma lill-pubbliku fir-rigward tal-ishma kollha maħruġa u mhux biss fir-rigward tal-ishma funġibbli ma' ishma digħà ammessi għan-negozjar.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 89 biex temenda din id-Direttiva billi timmodifika l-livelli limitu msemmija fil-paragrafi 1 u 3 jew fil-paragrafi 4 u 5 jew fit-tnejn li huma, meta l-livelli limitu applikabbli jimpedixxu l-likwidità fis-swieq pubbliċi meta jitqiesu l-iżviluppi finanzjarji.”;

(4a) ***Fl-Artikolu 69(2), fl-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:***

“(v) ***jissorveljaw jekk id-ditti tal-investiment li jipproduċeu jew jiddistribwixxu riċerka ffinanzjata mill-emittent jagħmlux dan f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta tal-Unjoni żviluppat mill-ESMA kif imsemmi fl-Artikolu 24.”;***

(5) L-Artikolu 89 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

‘2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(4), l-Artikolu 4(1)(2), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 51a(7), l-Artikolu 52(4), l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) u l-Artikolu 79(8) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(4), l-Artikolu 4(1)(2), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-

Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 51a(7), l-Artikolu 52(4) l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) u Artikolu 79(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fihi. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun digħi fis-seħħi.”;

- (b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(4), l-Artikolu 4(1)(2), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(12), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(13), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 27(9), l-Artikolu 28(3), l-Artikolu 30(5), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(4), l-Artikolu 33(8), l-Artikolu 51a(7), l-Artikolu 52(4), l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 58(6), l-Artikolu 64(7), l-Artikolu 65(7) jew l-Artikolu 79(8) għandu jidħol fis-seħħi biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xħur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jogħeżżjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xħur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”.

Article 2 **Tħassir tad-Direttiva 2001/34/Ke**

Id-Direttiva 2001/34/KE titħassar minn ... [OP jekk jogħġibok daħħal id-data = 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħi ta din id-Direttiva].

Artikolu 3 **Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn ... [OP, jekk jogħġibok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi necessary sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom jaapplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn ... [OP jekk jogħġibok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' din id-Direttiva].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Article 5
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2014/65/UE biex tagħmel is-swieq kapitali pubbliċi fl-Unjoni aktar attraenti għall-kumpaniji u biex tiffaċilita l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tħassir tad-Direttiva 2001/34/KE
Referenzi	COM(2022)0760 – C9-0415/2022 – 2022/0405(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	8.12.2022
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 1.2.2023
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE JURI 1.2.2023 1.2.2023
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	JURI 31.1.2023
Kumitati assoċjati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.6.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Alfred Sant 25.1.2023
Eżami fil-kumitat	30.8.2023
Data tal-adozzjoni	24.10.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 53 - : 0 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Claude Gruffat, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, Othmar Karas, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtos, Aurore Lalucq, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Dimitrios Papadimoulis, Piernicola Pedicini, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Eva Maria Popławska, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Paul Tang, Irene Tinagli, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Carême, Eider Gardiazabal Rubial, Martin Hlaváček, Chris MacManus, Margarida Marques, Laurence Sailliet
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Theresa Bielowski, Anna Bonfrisco, Elena Lizzi
Data tat-tressiq	26.10.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

53	+
ECR	Denis Nesci, Dorien Rookmaker, Johan Van Overtveldt
ID	Anna Bonfrisco, Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Markus Ferber, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Aušra Maldeikienė, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Laurence Sailliet, Ralf Seekatz, Inese Vaidere
Renew	Gilles Boyer, Giuseppe Ferrandino, Martin Hlaváček, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtzos, Caroline Nagtegaal, Eva Maria Poptcheva, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Marek Belka, Theresa Bielowski, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Aurore Lalucq, Margarida Marques, Pedro Marques, Evelyn Regner, Alfred Sant, Joachim Schuster, Paul Tang, Irene Tinagli
The Left	José Gusmão, Chris MacManus, Dimitrios Papadimoulis
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Damien Carême, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni